# GĦOTJA LID-DAR TAL-PROVIDENZA



Kien tassew ħsieb ġenwin u għaqli li nhar it-23 t'April, festa Liturġika ta' San Ġorġ martri, fil-waqt li lkoll nifirħu b'din il-ġurnata għażiża għalina l-Qormin, niftakru f'oħrajn inqas ixxurtjati minna. U ġiet l-ideja li ssir ġabra u jinġabru oġġetti ta' l-ikel u jingħataw bħala offerta lil dawk "l-anġli għeżież" tad-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi. Il-ġabra kienet ta' Lm158 u ħafna oġġetti tal-ikel u anke ġugarelli. Meta l-Arċipriet Dun Edgar Attard mar biex iwassal din l-offerta, Monsinjur Mikiel Azzopardi feraħ ħafna u xtaq iwassal dan il-messaġġ:

"Għeżież ħbieb ta' Ħal-Qormi San Ġorġ,

Nixtieq ninqeda b'din l-okkażjoni tal-preżentazzjoni tas-somma ta' Lm158 li nġabru b'risq din id-dar, kif ukoll ta' oġġetti tal-ikel għall-bżonnijiet tat-tfal u żgħażagħ li għandna f'din id-Dar tal-Providenza, biex mhux biss nirringrazzjakom bil-qalb, imma nfakkar lili nnifsi fiż-żmien sabiħ imma diffiċli li matul il-gwerra għaddejt fil-parroċċa tagħkom, meta fl-iskola kelli 160 xjuħ rikoverati. Nerġa ngħid kien żmien sabiħ imma diffiċli li rabatni ħafna mal-parroċċa tagħkom. Din l-għotja tagħkom li ridtu tagħmlu spontanjament għall-bżonnijiet ta' din id-Dar, żgur li tfisser l-imħabba li għandkom lejn istituzzjoni li qegħda taħseb għall-bżonnijiet ta' dawk li l-aktar jeħtieġu l-għajnuna tagħna, jiġifieri l-"handicapped". Intom tafu li fid-Dar tal-Providenza għandna 113 il-"handicapped". U għandna staff ta' 95 ruħ impjegati biex jieħdu ħsiebhom. Allura tistgħu timmaġinaw l-ispejjeż kbar li għandna.

Imma l-fiduċja tiegħi u ta' sħabi hija din, illi l-poplu għall-grazzja t'Alla ħabbha din id-dar u lest biex jgħinha.

Nirringrazzjakom bil-qalb u bħala rikonoxximent nwegħdukom li nitolbu għalikom biex Alla l-imbierek iħallas il-karità li għamiltu u jxerred fuqkom ilkoll – l-Arċipriet, il-kleru, il-familji tagħkom kollha – il-milja tal-barka, tal-paċi u ta' l-imħabba Tiegħu.

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu. Dejjem ikun imfaħħar."